MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 455/2004

**Maltacom p.l.c. - C22334**

**Vs**

**Gordon Grima - I.D. 471375M**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm293.94c) in konnessjoni ma' servizz telefoniku numru 21808045, liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru 22, Flat 3, Triq il-Foss, Vittoriosa.

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax Risposta bil-miktub izda fid-29 t'April, 2004 deher u ddikjara li qed jikkontesta l-kawza.

Ra li minn dakinhar 'il quddiem il-konvenut la deher u lanqas ressaq provi u wisq anqas ma pprezenta Risposta formali.

Sema' x-xhieda ta' Dr Ingrid Zammit Young u ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi mid-dokumenti esebiti a fol 21, 22 u 23 tal-process jirrizulta li hemm applikazzjoni fejn hemm firma li tghid li hija ta' Gordon Grima. Is-socjeta' attrici esebiet ukoll fotokopja tal-karta ta' l-identita' ta' Gordon Grima fejn hemm firma tieghu u ghalkemm il-firma ta' fuq il-karta ta' l-identita' hija ferm icken mill-firma li hemm fl-applikazzjoni ghas-servizz telefoniku, mad-daqqa t'ghajn tidher li hija ta' l-istess persuna. A tenur ta' l-Art. 634 tal-Kap. 12:

"**634.** (1) A person against whom any paper apparently signed by him is produced, is bound to declare positively whether the writing or signature is his own or not, and in default of such declaration, such writing or signature shall, until the contrary is proved, be deemed to be his own."

Il-konvenut m'ghamilx tali dikjarazzjoni. Ma xehedx fil-kawza. Fin-nuqqas ta' provi ulterjuri fir-rigward, it-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jaccetta li din hija firma ta' l-istess Gordon Grima.

Jigi rilevat ukoll li l-applikazzjoni ggib indikazzjoni li tirrigwarda Customer Number 1025349 u hija Request 438688.
Fil-kawza s-socjeta' attrici esebiet ukoll kopja tal-ftehim li sar fl-20 ta' Lulju, 1998 (Dok. C fol 4 tal-process) u fil-fatt dan il-ftehim mhux iffirmat minn Gordon Grima izda hemm indikazzjoni li huwa ffirmat minn xi hadd Attard. Dan il-ftehim jirrigwarda Customer Number 1025349 u hija Request 438688, cjoe' r-rizultat ta' l-imsemmija applikazzjoni. Fil-process hemm esebit ukoll ittra ffirmata mill-istess Gordon Grima li permezz taghha huwa awtorizza lil Saviour Attard li ghandu n-numru tal-karta ta' l-identita' 104244M sabiex jiffirma ghan-nom tieghu u fil-

fatt l-imsemmi ftehim huwa ffirmat mill-istess Saviour Attard bl-istess numru tal-karta ta' l-identita'.

Konsegwentement a bazi tal-premess jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi l-konvenut huwa responsabbli ghas-servizz telefoniku u ghall-kontijiet relattivi.

Is-socjeta' attrici esebiet dokumentazzjoni li giet debitament ikkonfermata bil-gurament li l-ammont mitlub f'din il-kawza huwa dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm293.94c) bl-ispejjez. L-interessi jibdew jiddekorru mis-16 t'April, 2004 (data tan-notifika ta' l-Avviz).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------